MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 05 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 638/1997/1

Oreste Gauci
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-disgha (9) ta' Mejju, 1987 u l-hmistax (15) ta' Mejju, 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghal habta ta' l-1988, l-1989 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien ilu jahdem ma' l-Armata ghal tnax (12)-il sena bhala Gunner. Fl-1988, l-1989 u l-1992 hargu l-promozzjonijiet ghall-grad ta' Lance Bombardier, u ghalkemm ir-rikorrent kien kemm il-darba rakkomandat mis-superjuri tieghu ghal dawn il-promozzjonijiet, huwa

qatt ma nghata promozzjoni. Kollegi tar-rikorrent li l-anqas biss kellhom ‘third class education’ jew li dahlu fl-Armata wara r-rikorrent ukoll inghataw promozzjonijiet.

Ta’ minn josserva illi r-rikorrent kien ghamel zmien twil stazzjonat bhala prison warden fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, u tul dan il-perjodu, huwa qatt ma gie infurmat b’courses illi kienu qeghdin isiru lill-kollegi tar-rikorrent. Kien biss meta r-rikorrent gie stazzjonat l-Ajruport illi huwa kien sar jaf b’dawn il-courses.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa kien gie mcahhad minn promozzjoni li kien intitolat ghaliha.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni li haqqu b’effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-promozzjoni u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5,000, u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta’ l-Artikolu 5(3) (b) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 peress illi r-rikorrent

naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta’ rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta’ l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi r-rikors, fl-istat li gie notifikat lir-rikorrent huwa inammessibbli peress li m’huwiex akkumpanjat minn lista ta’ xhieda fit-termini ta’ l-Artikolu 7(2)(a) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Illi sew fil-promozzjonijiet li saru b’effett mill-11 ta’ Mejju 1988 kif ukoll dawk li saru b’effett mill-1 ta’ Ottubru 1990, ir-rikorrent kien inqas ikkwalifikat minn dawk li gew promossi u li kienu junior tieghu.

Illi fis-27 ta’ Marzu 1990 ir-rikorrent kien gie mixli flimkien ma’ zewg persuni ohra fil-Qorti Civili b’reat li kien sar fil-25 ta’ Mejju 1987. Sussegwentement ir-rikorrent kien gie misjub hati ta’ l-istess reat mill-Qorti, izda din illiberatu taht il-provvedimenti ta’ Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 20 xahar mill-5 ta’ Lulju 1993. Ghaldaqstant dan ma setax jawgura tajjeb lir-rikorrent ghal promozzjoni tieghu ghal rank akbar milli kellu, ghall-anqas fiz-zmien li kienu qed jigu kkunsidrati individwi ghall-promozzjoni li sehhu b’effett mill-20 ta’ Jannar 1992.
Illi wara kollox, sew fil-promozzjonijiet imsemmija aktar ‘il fuq kif ukoll dawk li saru b’effett mill-20 ta’ Jannar 1992 jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta ta’ dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta’ anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta’ efficjenza kif wkoll abbazi ta’ ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-avviz legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita a skapitu tieghu fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Illi dak li r-rikorrent isemmi bhala osservazzjoni tieghu fir-rigward li hu ma kienx qed jigi nfurmat b’xi courses li setaw kienu qed isiru, ta’ min wiehed josserva wkoll li dawk li jkunu qed jahdmu bhal ma kien ir-rikorrent, cioe` barra l-barracks jew kif insejhulhom fl-Armata bhala

outposts, huwa soltu li jmorru jzuruhom ta’ sikwit sew fizzjali kif ukoll personnel iehor li jkunu jamministraw individwi bhar-rikorrent. Huwa soltu li ordnijiet li jkunu hargu fil-barracks jaslu wkoll ghand individwi bhal ma kien ir-rikorrent. Se mai, kien fid-dover tar-rikorrent li jassigura li jkun aggornat ma’ dawk l-ordnijiet jew cirkulari li jkunu qed johorgu fil-barracks ghal kumplament ta’ shabu u ghaldaqstant ma jistax ir-rikorrent igib skuza li hu ma kienx ikun jaf x’inhu jigri l-barracks.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 1999 il-Col Schembri ghall-intimat iddikjara li qed jirrinunzja ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet. Fit-18 ta’ Novembru 1999 Dr Abela iddikjara li b’riferenza ghall-promozzjonijiet tal-1988 u 1989 ir-rikorrent qed jirreferi ghall-promozzjonijiet li hargu fl-1989 b’effett mill-11 ta’ Mejju 1988.

<u>Ir-rikorrent</u> ipprezenta affidavit li fih semma li kien ilu jahdem ma’ l-Armata ghal 12-il sena bhala Gunner, u cioe` mill-1985. Sostna li meta hargu l-promozzjonijet fl-1988, l-1989 u l-1992 ghall-grad ta’ Lance Bombardier hu qatt ma nghata l-promozzjoni ghalkemm kien dejjem rakkomandat mis-superjuri tieghu. Kollegi tieghu li l-anqas biss kellhom third class education jew li dahlu fl-Armata warajh ukoll inghataw il-promozzjonijiet. Hu kien dahal fl-Armata bit-Third Clas Education.

Kien ghamel zmien twil stazzjonat bhala prison warden fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u qatt ma kien gie nfurmat b'courses illi kienu qeghdin isiru lill-kollegi tieghu. Kien biss meta hu kien gie stazzjonat l-Ajruport illi sar jaf b'dawn il-courses. Sostna li meta kien f'out post qatt ma gie ebda ufficcjal ta' l-Armata u nfurmah b'xi korsijiet.
Zied jghid illi rigward il-kaz li kellu quddiem il-Qorti Kriminali, l-intimati qatt ma hadu passi kontrieh u qatt ma semmewlu li hu ma kienx qed jinghata promozzjonijiet minhabba dan il-kaz. Dan il-kaz sehh fl-1991 mentri kien hemm ezercizzju ta' promozzjonijiet fl-1988 u 1989 fejn inghataw promozzjonijiet lil nies b'inqas edukazzjoni minnu, u li kienu juniors tieghu. Kien biss li fl-1998 li hu gie promoss ghall-Lance Bombardier u ghalhekk tilef bosta opportunitajiet li javvanza fil-karriera tieghu.

Il-paga bejn Gunner u dik ta' Lance Bombardier kien hemm differenza ta' tnax-il Lira Maltija (Lm12) fix-xahar, u bejn dik ta' Lance Bombardier ghall-Bombardier kien hemm differenza ta' Lm10 fix-xahar.

Semma li dam prison warden sal-1992 u wara gie trasferit ghall-Airport Security 8$^{th}$ Company fuq talba tieghu stess. Semma li hu ma kien ghamel ebda talba biex imur jahdem ta' prison warden pero` kienu offrewlu u hu kien accetta. Courses kien dispost li jaghmel li kieku offrewlu. Training militari bhala tali ma kienux ghamlulhom. Kien sar jaf bil-courses l-ewwel darba li kien mar l-Airport.

Dwar l-incident li hemm imsemmi fir-risposta ta' l-intimat stqarr li l-allegat incident kien sar fl-1987 u kien gie akkuzat fl-1990 u d-decizjoni ttiehdet fl-1993. Kien gie akkuzat li kienu saru xi riots u hu kisser xi gabbana. Hu kien gie mijsub hati u nghata probation.

Lt. Col. Schembri esebixxa l-lista ta' promozzjonijiet li hargu b'effett mill-11 ta` Mejju 1988 mir-rank ta' Gunner ghal Lance Bombardier fl-AFM Depot li tahtu kien jaqa' r-rikorrent. Esebixxa wkoll il-lista tal-promozzjonjiet li hargu fl-1990 minn Gunner ghal Lance Bombardier u l-lista tal-promozzjonjiet li hargu fl-20 ta` Jannar 1992 dejjem minn

Gunner ghal Lance Bombardier. Fit-tlett dokumenti isem ir-rikorrent jidher shaded bil-griz biex juru l-post tas-seniority daqskemm kieku ha l-promozzjoni.

Fuq l-ewwel dokument u cioe` dak tal-promozzjonijiet tal-11 ta' Mejju 1988, ir-rikorrenti jidher qieghed l-ahhar fil-lista f'seniority u bhala edukazzjoni ghandu 3 waqt li hemm min ghandu Nil. Pero` trades hu ghandu Nil u hemm diversi minn dawk li saru u cioe` erba' minn seba' illi fil-fatt huma superjuri ghalih. Hemm tnejn minn dawk li saru li kienu senior tieghu illi effettivament kellhom Nil bhala education u Nil bhala trades. Fil-kaz ta' Alfred Calleja Service Counts from 1952, fil-kaz ta' Attard Service Counts from 1953 waqt illi Gauci, ir-rikorrent, Service Counts minn 1985.

Fit-tieni wahda u cioe` dik ta' l-ewwel ta' Ottubru 1990, ir-rikorrent jinsab fid-19-il posizzjoni. Minn dawk li saru qablu kollha kellhom education class 1, 2 jew 3 bhalu, hlief ghal 5 mill-ohrajn pero` hamsa mill-ohrajn kollha kemm huma kellhom trades superjuri ghar-rikorrent apparti seniority. Kienu saru ukoll 5 minn warajh izda wiehed minnhom apparti milli kellu education class 2 superjuri ghal tar-rikorrent kellu diversi trades. Mill-erba' l-ohra, tlieta kellhom diversi trades waqt li r-rikorrent xejn izda wiehed la kellu education u l-anqas kellu trades u cioe` Alfred Azzopardi. Bhala Service Counts from kollha kemm huma kienu mill-20 ta' Frar 1987. Fil-kaz tar-rikorrent is-Service Counts from huwa 26 ta' Awissu 1985.

Riferibbilment ghall-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Jannar 1992 bhala seniority jidher li hadd ma qabez lir-rikorrent. Mid-dokument a fol 93 tal-process Dokument MS6(a) jirrizulta dan il-kliem:

"The above named person was on the 27th March 1990 arraigned in court under arrest and charged together with two other persons, with having on the 25th August 1987 at Valletta took an active part in an unlawful assembly of more than ten persons with intent to commit a crime and of causing wilful damage".

B'din ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent kien akkuzat fis-27 ta' Marzu 1990 meta promozzjonijiet kienu hargu f'Ottubru 1990. A fol 94 tal-process jirrizulta illi effettivament Oreste Gauci intqal dawn il-kliem fuqu:

"Case Against Oreste Gauci was decided on the 5th July 1993. He was found guilty but was released in terms of Section 9 of Chapter 152 not to commit another offence within a period of 30 months".

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent ghalhekk ghandu tlett aspetti ta' l-ilment u cioe` l-promozzjonijiet li saru b'effett mil-11 ta' Mejju 1988. Izda dwar dan jinghad illi lilu ma qabzu hadd u ghalhekk ma jistax ir-rikorrent isostni illi saret xi ingustizzja. Huwa veru illi Alfred Calleja u Anthony Attard kellhom Nil fl-education u Nil fit-trades fit-tnejn li huma filwaqt li r-rikorrent kellu Nil fit-trades imma kellu 3rd class education pero` minn naha l-ohra fil-kaz taghhom it-tnejn Services Counts from 1952 u 1953 waqt li tar-rikorrent 1985. Allura ma hemm ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent kellu jaqbez lil dawn it-tnejn.

Dwar il-promozzjoni ta' l-1990, id-diskors huwa ferm differenti. Huwa veru illi r-rikorrent gie maqbuz minn hamsa minn nies u li fil-kaz ta' wiehed minnhom u cioe` Alfred Azzopardi dan kellu Nil fl-education u Nil fit-trades u qabez lir-rikorrent li kellu 3rd class education. Pero` jinghad l-ewwel nett li fil-Cadre Course Azzopardi kellu B waqt li r-rikorrenti ma ghamilx dan il-Course u li mid-dokument li jinsab a fol 93 tal-process jidher car illi qabel ma hargu l-promozzjonijiet fis-27 ta' Marzu 1990 ir-rikorrent kien gie pprezentat arrestat b'akkuza kriminali, minn liema akkuza kriminali fil-fatt gie misjub hati fil-5 ta' Lulju 1993. Illi t-Tribunal ma jhoss ghalhekk illi saret xi ingustizzja mar-rikorrent meta hu inqabez fil-promozzjonijiet tal-1990.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll taht it-tielet aspett taht il-promozzonijiet li saru fl-20 ta' Jannar 1992. L-ewwelnett hawnhekk isem ir-rikorrent qieghed l-ahhar fil-lista ukoll hawnhekk jerga' japplika l-kliem li ghadu kif intqal u cioe`

l-akkuza kriminali li kellu pendenti kontra tieghu r-rikorrent fiz-zmien relattivament vicin u cioe` illi kien prezentat il-Qorti fis-27 ta' Marzu 1990 liema kaz gie deciz kontra r-rikorrent fil-5 ta' Lulju 1993. Il-fatt li ma nbaghatx habs ma jfissirx wisq ghax is-Sezzjoni 9 tal-Kapitolu 152 hija prova ta' htija u mhux haga ohra.

Illi ghal dawn il-motivi, it-Tribunal ma jsibx li saret ingustizzja, ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.